**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Numru 643/2023DC**

**F'l-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv numru 863/2023 f'l-ismijiet:**

***Natasa Stevanovic***
***(Passaport Serbjan Numru 017099003)***
***debitament rappreżentat mill-mandatarja speċjali tiegħu l-Avv Dr Sarah Sultana (K.I. Nru. 0012581M)***

***vs***

***Mr. Green Limited (C43260)***

**<u>DEGRIET KAMERALI</u>**

Illum, 27 ta' Novembru 2023

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors[1] tas-soċjeta Mr. Green Limited[2] preżentat fit-23 ta' Ġunju 2023, permezz ta' liema għar-raġunijiet hemm premessi talbet hekk:

1. *Tordna proviżorjament, illi jiġu limitati l-effetti tal-mandat ta' sekwestru 863/23 bil-konsegwenza li ma jsir ebda żbank ta' ċedoli u flejjes mis-sekwestranti sakemm jiġi deċiż r-rikors*

[1] Ai fini ta' dan id-degriet imsejjaħ "ir-rikors odjern".
[2] Ai fini ta' dan id-degriiet imsejħa "is-soċjeta rikorrenti".

*odjern, u dan b'notifika u/ jew komunika urġenti lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili;*

2. *Tordna illi l-mandat ta' sekwestru ezekuttiv nru 841/23 fl-ismijiet Natasa Stevanovic [Passaport Serbjan Numru 017099003] debitament rappreżentat mill-mandatarja specjali tieghu, l-Avv Dr. Sarah Sultana (K.I. 0012581M) vs Mr Green Limited jiġi limitat għal-miżuri kawtelatorji ai termini tal-Artikolu 44(1)(a) tar-Regolament Brussels 1 Recast (UE) Nru 1215/2012 u/jew alternattivament tissospendi l-eżekuzzjoni tal-istess mandat ta' sekwestru in parte, inkluż iżda mhux limitat, billi twaqqaf kwalunkwe żbank jew tiġbid ta' kwalunkwe flejjes depożitati mis-sekwestratarji ai termini tal-Artikolu 44(1)(c) tar-Regolament Brussels 1 Recast (UE) Nru 1215/2012, u dan sakemm jiġi (deċiż) b'mod definittiv ir-rikors li qed jiġi preżentat kontestwalment bejn l-istess partijiet.*

Rat id-digriet mgħoti fit-13 ta' Lulju 2023 permezz ta' liema ordnat in-notifika tar-rikors lill-kontroparti bi żmien gimgħatejn għar-risposta.

Rat ir-risposta ta' Natasa Stevanovic[3] (kif rappreżentata mill-Avv Dr Sarah Sultana), risposta preżentata fl-20 ta' Novembru 2023, f' liema risposta l-intimat ikkonkludiet tgħid li, mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni tagħha dwar l-esekuzzjoni tas-sentenzi li hija ottjeniet mill-qrati kompetenti f'l-Awstrija,

> *m'għandha l-ebda oġġezzjoni illi sakemm ikun hemm eżitu finali bejn il-partijiet tal-proċeduri ta' rifjut intavolati ai termini tar-Regolament (Rikors Numru 638/2023DC), tiġi sospiża l-eżekuzzjoni tas-sentenzi li għandha favuriha, fis-sens illi l-esponenti ma tkunx tista' tiżbanka kwalsiasi flus li hemm depożitati fil-Qorti in konsegwenza tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 863/2023 minnha intavolat. B'dana illi pero lanqas is-soċjeta sekwestrata ma tkun tista' tiżbanka dawn l-istess flus depozitati fil-Qorti.*

Rat l-atti tar-rikors.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti fil-qosor li wasslu għall-proċeduri odjerni huma s-segwenti:

[3] Ai fini ta' dan id-degriet imsejħa "l-intimata"

- Permezz ta' sentenzi mgħotija fl-4 ta' Frar 2022 u fid-29 ta' April 2022 mill-qrati ċivili f'l-Awstrija[4], is-soċjeta rikorrenti ġiet ikkundannata tħallas lill-intimata s-somma ta' €161,868 oltre imgħax u spejjez legali.
- Fil-15 ta' Frar 2023 is-soċjeta rikorrenti giet notifikata bl-Annex I Certificate maħruġ ai termini tar-Regolament Brussels 1 Recast u ġiet interpellata tħallas l-ammont fis-sentenzi, iżda jidher li l-ħlas ma sarx.
- Fil-5 ta' Ġunju 2023 l-intimata ottjeniet il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv kontra s-soċjeta rikorrenti, mandat numru 863/23 għall-kreditu kanoniżżat.
- In eżekuzzjoni ta' dan il-mandat, fit-23 ta' Ġunju 2023, il-Bank of Valletta plc iddepożita s-somma ta' €208,984.66 fir-reġistu ta' din il-Qorti.
- Dak in-nhar ukoll is-soċjeta rikorrenti preżentat rikors quddiem din il-Qorti permezz ta' liema qed titlob ir-rifjut ta' rikonoxximent u ta'l-eżekuzzjoni tas-sentenzi fuq imsemmija ai termini ta'l-artikoli 45 u 46 tar-Regolament 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (riformulazzjoni) u cioe r-Regolament (UE) 1215/2012[5]. Is-soċjeta rikorrenti tikkontendi li r-rikonoxximent tas-sentenza għandha tiġi rifjutata a bażi ta'l-artikolu 45(1)(a) tar-Regolament u cioe għax dak ir-rikonoxximent huwa manifestament kontra l-istrateġija pubblika (*ordre public*) ta'l-Istat Malti.
- F'l-20 ta' Settembru 2023, in vista tad-depożitu li sar mill-Bank of Valletta, is-soċjeta rikorrenti ottjeniet kontromandat għall-mandat ta' sekwestru fuq imsemmi.

Illi permezz tal-proċeduri odjerni s-soċjeta rikorrenti qed tfittex rimedju proviżorju ai termini ta'l-artikolu 44(1)(ċ) tar-Regolament. Dan jipprovdi hekk:

> *Fil-każ ta' talba għal rifjut tal-eżekuzzjoni ta' sentenza skont is-SubTaqsima 2 tat-Taqsima 3, il-Qorti fl-Istat Membru indirizzat tista', fuq it-talba tal-persuna li kontriha qed tintalab l-eżekuzzjoni:*
>
> *(a) tillimita l-proċedimenti tal-eżekuzzjoni għal miżuri kawtolatorji;*

[4] Ir-Regional Court for Civil Matters Vienna u il-Higher Regional Court Vienna rispettivament.
[5] Ai fini ta' dan id-degriet imsejjaħ "ir-Regolament".

*(b) tissoġġetta l-eżekuzzjoni għall-għoti ta' garanzija li hi tistabbilixxi; jew*

***(c) tissospendi l-proċedimenti tal-eżekuzzjoni kollha kemm huma jew ta' parti minnhom.***

Illi kif intqal l-intimat, mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni tagħha fil-kawża permezz ta' liema s-soċjeta rikorrenti qed tikkontesta l-enforzar f'Malta tas-sentenzi li kkanoniżżaw lill-intimata kreditriċi tagħha, m'għandhiex oġġezzjoni li l-eżekuzzjoni tas-sentenzi tiġi sospiezi sakemm tiġi finalment deċiża l-kawża tentata mis-soċjeta rikorrenti. L-intimata lanqas m'għandha oġġezzjoni li kwalunkwe flus depożitati l-Qorti in forza ta'l-imsemmi mandat jibqgħu hekk depożitati ukoll sakemm tiġi deċiza l-istess kawża.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta u tiddeciedi billi:

1. **Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta'l-ewwel talba** stante li din kienet intiża biex jagħti miżura proviżorja sakemm jigi deċiż definittivament ir-rikors odjern.
2. **Tilqa' in parte t-tieni talba** in kwantu qed tordna li ħadd mill-kontendenti m'għandu jiżbanka l-ammont ta' €208,984.66 depożitat fir-reġstru ta' din il-Qorti permezz tac-ċedola numru 1303/2023 sakemm il-kawża numru 638/2023DC f'l-ismijiet *Mr. Green Limited (C43260) vs Natasa Stevanovic [passaport Serbjan numru 017099003] debitament rapprezentat mill-mandatarja specjali tagħha, l-Avv. Dr. Sarah Sultana (K.I.0012581M)* tinqata' b'mod definittiv.

Spejjez ta' dawn il-proċeduri riżervati għall-ġudizzju finali.

Kopja ta' dan id-digriet għandu jiġi notifikat elettronikament lil Dr Thomas Bugeja u Dr Sarah Sultana.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**